



# Patrimonju kbir ta' statwi u niċeċ fil-Mosta

*(l-ewwel parti)*

**Minn Nicholas GRECH**

Imxerrda madwar il-Mosta, l-aktar fil-parti l-antika tar-raħal, insibu 'l fuq minn mitt statwa, minn f'niċeċ jew fuq xi mensola f'xi kantuniera jew faċċata ta' xi dar, minn aktar imponenti fuq xi pedistall jew fuq xi ċinta ta' bejt, minn sbuzzati ftit 'il barra mill-ħajt (riljievi), u oħrajn. Skont l-aħħar ktieb li ħareġ fuq in-niċeċ u statwi ta' Nikol Ciantar fl-2013, il-Mosta tinsab fil-ħames post, bl-akbar konċentrazzjoni tkun f'Ħal Qormi (bi 223 statwa), segwita minn Birkirkara (185[1]), ir-Rabat Malta (180), ir-Rabat Għawdex (141). Warajhom jiġi r-raħal tagħna b'suppost 138 statwa, qisu fl-istess ilma tal-Belt (127) u ta' rħula oħra ferm eqdem bħal Ħaż-Żebbuġ (127), is-Siġġiewi (126), iż-Żejtun (123), waqt li lill-matrici n-Naxxar (69), jgħaddihom bi kważi d-doppju.

Madankollu, dan il-ktieb ġieli jinkludi anki statwi li jkunu sempliċiment f'xi parapett ta' dar u fil-każ tal-Mosta waħda minnhom hi miktuba tliet darbiet taħt titli differenti! Iżda mir-riċerka li għamilt, sibt tal-anqas 119 statwa ta' ċerta portata u ġejt bejn ħaltejn ninkludix statwi minuskoli ta' xi filata u nofs kollox bħalma nsibu fi Triq it-Torri, Nru. 109, waqt li dik ta' Casa Grognet fi Triq il-Kbira (li qegħda fi speċi ta' tieqa żgħira) ma nkludejthiex. Fil-Bidnija hemm xi għaxar statwi oħra li wkoll mhux inklużi.

Dawn l-istatwi, apparti li jsebbħu l-post fejn ikunu u huma xhieda tad-devozzjoni lejn ir-reliġjon li kellhom missirijietna, naraw fihom il-ħiliet ta' diversi snajja', mill-artist jew perit li jkun fassal it-tali niċċa jew pedistall, il-bennej li minn disinn fuq karta ried jaħdem it-tali niċċa jew pedistall fil-ġebel, l-iskultur li ried jaħdem l-istatwa u l-lavur li jkun hemm man-niċċa jew pedistall, il-ħaddied biex jaħdem xi bastun, stellarju jew il-fanal ta' quddiem l-istatwa u f'xi każi r-rixtellu li jdawwar l-istatwa, tal-irħam f'xi każi meta l-istatwa tinzerta jkollha xi lapida ta' dan it-tip, u għalkemm mhux propja sengħa, xi wieħed li jaf il-Latin jew it-Taljan biex jikteb l-iskrizzjoni, bħal xi talba jew digriet tal-indulġenzi li ġieli kien ikollhom xi statwi.

Ukoll, b'mod partikulari meta l-istatwa tinzerta tkun ta' proporzjon kbir, kien hemm il-bżonn l-inġenju ta' min hu tal-mestier biex jarma b'xi grabja, ħbula jew xort'oħra, biex jirnexxilu jtellgħa l-istatwa fil-post mingħajr ma jagħmillha ħsara... u li meta tgħodd kollox, taf il-kont kien jitla' mhux ħażin anki fiż-żminijiet meta kollox kien bis-soldi. Apparti dan, jekk wieħed jitħajjar iġib l-indulġenzi għall-istatwa tiegħu (għalkemm bqajt ma sibtx kif setgħet kienet il-proċedura), naħseb li kienet tinvolvi xi spiża oħra, bħal jagħti xi għotja ta' flus għall-karità jew lill-knisja, għax kieku kienet b'xejn nissopponi li kienu jispiċċaw iġennuh lill-isqof kulħadd jitlob biex l-istatwa tiegħu jingħatawlha l-indulġenzi. Anki jekk xi xogħol kien isir b'xejn, speċjalment meta jkun għall-ġid komuni tar-raħal, xorta jibqa' l-fatt li bis-saħħa tal-qaddisin taf kien hemm mnejn taqla' lira, u donnu darba d-dinja l-oħra kienu jibqgħu rilevanti għax tkun għidt xi Ave Maria quddiemhom, kellhom mnejn itellgħuk xi żewġ targiet eqreb lejn il-bieb tal-ġenna!



*Mappa tal-Mosta (esklużа l-Bidnija) immarkata bil-postijiet fejn insibu statwi u niċeċ, fil-maġġor parti konċentrati fil-parti l-antika tar-raħal.*

## L-eqdem riljievi

Wieħed u għoxrin mill-istatwi li nsibu fil-Mosta huma riljievi, jiġifieri minflok statwa skolpita dawramejt, għandek il-persunaġġ bħal sbuzzat ftit 'il barra mill-kumplament tal-



*Żewġ riljievi tal-Ewkaristija fi Triq Santa Margerita Nri. 67 u 76. F'tax-xellug l-annu 16-64 jidher fil-kantunieri ta' taħt, filwaqt li f'tal-lemin il-vleġġa tindika fejn jaħbtu tnejn mir-raġġi ta' għamla triangolari għall-ponta li ħabtu t-tnejn fejn xulxin, forsi frott ta' xi żball.*

ħajt jew faċċata. Tal-Mosta huma kollha tat-tip basso-riljievi, ċjoè sporġuti biss bi ftit ċentimetri mill-ħajt, u ma nsibux dawk imsejħa alto-riljievi fejn il-persunaġġ ikun sporġut ferm aktar b'xi partijiet, bħar-ras tal-istatwa, ġieli jinqatgħu kompletament minn mal-ħajt. B'riljiev ma kontx tidħol f'ħafna spejjeż u stajt faċilment tinkorporah f'faċċata li tkun laħqet inbniet u bħal tikser mill-monotonija ta' ħajt lixx.

L-eqdem li nsibu tal-Mosta hu propju f'forma ta' riljiev li jirrappreżenta l-Ewkaristija datat is-sena 1621, li nsibu fi Triq Santa Margerita, Nru. 76, fil-ġenb tal-Palazz ta' Kaspru, u t-tieni l-eqdem hu wkoll riljiev, ukoll tal-Ewkaristija, u wkoll insibuh fl-istess triq f'dar Nru. 67, datat 1664. Huma simili ta' xulxin b'dak ta' Kaspru daqs filata u nofs u miżbugħ lewn il-fidda/ griż, waqt li l-ieħor f'verżjoni akbar ta' 2 filati u nofs xi ftit aktar irfinut. It-tnejn għandhom l-ittri IHS, salib fil-parti ta' fuq, qalb bi tliet demgħat fil-parti t'isfel, u ċirku ovali madwarhom li minnu ħerġin bħal raġġi. L-ittri IHS jirrappreżentaw l-inizjali tal-kliem 'Ġesù s-Salvatur tagħna' bil-Grieg (*ΙΗΣΟΥΣ ΗΜΕΤΕΡΟΣ ΣΩΤΗΡ – Iēsous Hēmeteros Sōtēr*) jew il-kliem, 'Ġesù Salvatur tal-bnedmin' bil-Latin (*Jesus Hominum Salvator*) u l-imsemmija raġġi madwar l-ewkaristija jalternaw bejn f'forma triangolari ġejjin għall-ponta u oħrajn f'forma ta' mewġ biex jagħtu l-impressjoni ta' dija jew qawwa ħierġa minnha. Fatt kurjuż hu li f'dik tad-dar Nru. 67 hemm mad-dawra 36 minnhom maqsumin nofs b'nofs kif suppost waqt li f'dik tad-dar Nru. 76 fiha 33, u allura flok qegħdin nofs b'nofs insibu waħda aktar minn dawk ġejjin għall-ponta – li ma nafx hux frott ta' żball jew biex tiġi tirrappreżenta l-età ta' 33 sena kemm kellu Kristu meta sallbuh.

Ftit inqas qadima tas-seklu XVIII (żmien l-1745 jew xi ftit qabel) insibu riljiev tal-Madonna tal-Bon Kunsill mal-ħajt li jdawwar it-Torri Cumbo, kantuniera Triq Durumblat ma' Triq it-Torri, fejn il-ħitan fuq iż-żewġ toroq intenzjonalment ma jiltaqgħux għall-ponta biex setgħu jakkomodaw spazju wiesgħa biżżejjed maħsub għar-riljiev. Din it-tip ta' Madonna raffigurata bil-Bambin fuq il-lemin b'idu fuqha, oriġinat minn pittura ta' din ix-xehta li jingħad li mirakolożament spiċċat fi knisja tal-Agostinjani fir-raħal ta' Genazzano ftit bogħod minn Ruma fl-1467, u probabbli d-devozzjoni lejha f'Malta daħluha l-istess Agostinjani li jidher li kienu ġa jeżistu f'Malta f'dawk iż-żminijiet. Dan ir-riljiev, li sfortunatament għandu ftit ħsara f'wiċċ il-Madonna li ttiekel biż-żmien, hu mdawwar bi gwarniċ kważi tond b'disinn elaborat, u b'kollox għandu għoli ta' ħames filati fejn wieħed jinnota l-użu ta' knaten fil-partijiet ta' fuq u t'isfel t'għoli żewġ filati biex evitaw fili mhux kartabun mal-lavur tal-imsemmi gwarniċ. Taħt ir-riljiev hemm skolpita lapida għall-indulġenzi jew għal xi talba li baqgħet vojta, u jinkuruna kollox fuq nett hemm fruntun mhux kontinwu fin-nofs fejn fil-vojt tiegħu hemm riljiev ieħor sabiħ… din id-darba ta' salib bir-raġġi ħerġin minnu. Riljiev ieħor antik hu dak tad-Duluri, li nsibu fi Triq il-Mitħna, f'Nru. 91. Din id-Duluri, flok qegħda raffigurata b'sejf f'qalbha, jidhru żewġt isjuf fejn l-ispallejn tagħha u madwar ir-riljiev iddur burdura ovali u li madwarha hemm minqux bħal speċi ta' ħabel. Ir-riljiev qiegħed ġo reċess fil-ħajt fi speċi ta' niċċa li fuqha hemm riljiev ta' salib waqt li taħt hemm lapida tal-indulġenzi.

**Aktar riċenti**

Riljievi ta' forma kwadra qisu ta' għoli bejn żewġ filati jew żewġ filati u nofs insibu dik tal-Familja Mqaddsa, fi Triq Brittanja, Nru. 5, u tal-Madonna bil-Bambin fi Triq Tumas Chetcuti, Nru. 1, li mil-lapida li hemm taħtha bil-kliem *Mater Divinae Gratiae ora pro nobis* (Omm tal-Grazzji Divini, itlob għalina), tiġi li hi riljiev tal-Madonna tal-Grazzja. F'dak tal-Familja Mqaddsa nsibu lil San Ġużepp u l-Madonna fuq kull ġenb ta' Ġesù għadu tfajjel qed iżommuh minn idejh u bl-Ispirtu s-Santu fuqu, u taħtha hemm lapida bil-kliem 'Ġesù, Ġużeppi, Marija, assistuni waqt l-agunija – 1946'. Il-ħadida li hemm tal-fanal kienet il-kaġun ta' qsim fil-ġebla fosthom fil-lapida.

Riljievi oħra imma b'burdura f'għamla ovali nsibu tal-Madonna tal-Isperanza fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq il-Pont, tnejn tad-Duluri, waħda fi Triq il-Pont, Nru. 10, u oħra fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, kantuniera ma' Triq Gafà, u tal-*Ecce Homo* fi Triq il-Pont, Nru. 14. Insibu varjazzjoni oħra ta' riljievi li huma dawk b'burdura ovali u madwarha burdura oħra kwadra, li huma tal-Madonna tal-Isperanza fi Triq



*Fin-nofs tidher il-pittura meqjusa mirakoluża tal-Madonna tal-Bon Kunsill fil-knisja ta' Genazzano fl-Italja, liema pittura oriġinat din il-Madonna taħt dan it-titlu, u fuq ix-xellug ir-riljiev tagħha li nsibu fil-Mosta mal-ħajt li jdawwar it-Torri Cumbo. Fuq il-lemin hemm ir-riljiev tad-Duluri ta' Triq il-Mitħna.*




*Ir-riljiev tal-Ecce Homo ta' Triq it-Torri Nru. 186, maħdum minn fuq santa antika tal-Ecce Homo, u fuq il-lemin santa maħruġa mid-Dumnikani ta' Tas-Sliema tal-parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu li forsi kienu sors ta' tixrid ta' santi ta' dan it-tip speċjalment fil-passat. Donnu jtik x'tifhem li l-proċedura kienet li l-ewwel ikun hemm wieħed li jieħu grazzja ma' tali santa u mbagħad kien imur isib lil Bizzju jgħidlu "ara taħdimlix xi ħaġa minn din is-santa għal mal-faċċata minn dawk is-sbieħ li taf tagħmel bħalma għamilt lit-tali".*

l-Isperanza, Nru. 114, tnejn tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq Ġlormu Cassar, Nru. 114, mad-dar fejn kien joqgħod Dun Anġ Camilleri li għal ħafna snin kien Direttur tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, u ieħor fi Triq il-Kbira, Nru. 54, ta' San Ġużepp fi Triq il-Kbira Nru. 115, ta' Sant'Antnin ta' Padova fi Triq il-Kbira Nru. 40, u tal-*Ecce Homo* ieħor fi Triq it-Torri Nru. 186, li hu ta' proporzjon ftit akbar mill-oħrajn u f'verżjoni differenti mill-imsemmi *Ecce Homo* ta' Triq il-Pont. Dak ta' San Ġużepp għad għandu l-fanal waqt li dawk ta' Sant'Antnin ta' Padova u tal-Qalb ta' Ġesù ta' Triq il-Kbira jidher li xi darba kellhom wieħed li llum hu nieqes. Dak ta' Sant'Antnin għandu lapida b'talba li tgħid 'Sant'Antnin tabib tal-morda, itlob għalina' waqt li dawk ta' San Ġużepp u tal-Qalb ta' Ġesù wkoll insibulhom talba u anki jtuk tant jiem ta' indulġenza.

Dawn ir-riljievi, esklużi dawk it-tlieta antiki ħafna li semmejna fil-bidu, huma xogħol l-iskultur u mastrudaxxa Mosti Fabrizio (Bizzju) Bartolo (1888-1960), fejn apparti li juru l-ħila kbira tiegħu ta' skultur, jidher li l-ewwel kien jaħdimhom fil-ħanut tiegħu u mbagħad jitwaħħlu fil-post flok skolpiti direttament fil-post kif jista' kien il-każ tar-riljiev tal-Madonna tal-Bon Kunsill. Dawn jingħad li fil-maġġor parti, jekk mhux kollha, saru wara l-gwerra u wħud minnhom huma frott ta' wegħdi u forsi wieħed jitħajjar mill-ieħor[2]. Mad-dar tiegħu fejn dan Bizzju kien joqgħod fi Triq Sant'Anna Nru.15, fil-parti taħt il-ħnejja tal-gallarija daħħal riljiev tal-Madonna bil-Bambin u qaddis qed iżomm bħal bastun li jispiċċa f'għamla ta' salib li wara sirt naf li hu San Ġwann il-Battista. F'dan ir-riljiev, fejn il-Madonna naqqax ukoll bħal balavostru li qajjimli kurżità u ġegħelni nsaqsi wieħed tal-antikitajiet x'seta' kien. Fil-fatt ħareġ li għal dan ir-riljiev Bartolo ispira ruħu mill-pittura tas-sena *circa* 1513-1514 bl-isem ta' *La Madonna della Seggiola* (il-Madonna tas-siġġu tad-dirgħajn) tal-pittur famuż Taljan Raffaello, li forsi kien hawn xi santi tagħha f'dawk iż-żminijiet jew ra xi kopja tagħha għand xi sinjur.

F'għoli livell ta' bniedem flok fit-tieni sular insibu tliet riljievi oħra, fosthom dak fi Triq il-Kurat Calleja, Nru. 62, riljiev sabiħ tad-Duluri b'burdura bil-lavur u fuq nett għandu riljiev ta' salib; ieħor insibuh fi Triq Tal-Wej, Nru. 2 tal-Qalb ta' Ġesù, li għalkemm kif inhu miżbugħ jagħti dehra moderna aktar minn dawk kummerċjali, mill-iskrizzjoni li hemm taħtu li tgħid 'Qalb ta' Ġesù jena nafda fik' nifhem li għandu ftit taż-żmien għax kieku kienu jiktbu 'jiena' flok 'jena'... a la Naxxarija. Għax jingħad li n-Naxxarin kienu jitkellmu bil-'e', il-Mostin bil-'i' u oħrajn bil-'o', pereżempju l-kelma 'raġel' bid-djalett tiġi 'ruġel', 'ruġil' u 'ruġol' rispettivament! Fi Triq Durumblat mad-dar Nru. 3, hemm riljiev ieħor, sempliċi, ta' kurċifiss, tifkira ta' ċertu Fortunato Bellia. Dan Bellia, fl-1 ta' Lulju, 1906, kien instab mejjet fejn ir-razzett tiegħu b'feriti ta' xi daqqa ta' mazza f'rasu, iżda l-akkużat, wieħed Mosti, Franġisku Mifsud, kien inħeles meta l-ġurati raw li ma kinitx kredibbli x-xhieda ta' tifel li allega li kien rah joqtlu.[3]

L-akbar riljiev li nsibu fil-Mosta nsibuh propju f'Wied il-Għasel fiz-zuntier tal-kappella ta' San Pawl l-Eremita fejn fuq speċi ta' pedistall hemm raffigurati flimkien San Ġwann il-Battista, San Pawl l-Eremita u Sant'Anton Abbati. Dawn saru riċentement fl-1994 mill-iskultur Mosti Savio Deguara, flok oħrajn aktar antiki li kienu tkissru mill-vandali s-seklu l-ieħor u li kienu ngħataw b'rigal lil din il-kappella mill-Kavallier Wolfgang Filippo Von Guttenberg (dawn kienu statwi mhux riljievi) kif kienet tixhed skrizzjoni li jingħad li kellhom mal-pedistall tagħhom bil-kliem 'B. de Guttenberg S. J. Co. Baiulius Brandeburgensis 1705'.

### Statwi ta' proporzjon kbir

Mill-istatwi li nsibu fil-Mosta, 25 minnhom huma ta' proporzjon kbir, daqs ta' bniedem jew akbar. Minn dawn insibu l-10 statwi li nsibu fin-niċeċ tal-portiku tal-Bażilika, jiġifieri tal-Appostli San Xmun, San Bartilmew, San Ġakbu ż-Żgħir, San Filep, San Mattew, San Ġuda Taddew, San Ġwann, Sant'Andrija, San



*Ir-riljiev li nsibu mad-dar fejn kien joqgħod Bizzju Bartolo maħdum fuq pittura tas-seklu XVI ta' Raffaello, magħrufa bħala 'La Madonna della Seggiola' sal-anqas dettall fosthom dak l-ispeċi ta' balavostru fuq ix-xellug li propjament naħseb li hu parti mis-siġġu li minnu ħadet l-isem din il-pittura.*



*Ir-riljiev mill-isbaħ tad-Duluri ta' Triq il-Kurat Calleja Nru. 62, tal-Qalb ta' Ġesù ta' Triq Tal-Wej, Nru. 2, u santa simili b'Ġesù għandu qalbu f'idejh, u riljiev ta' Kurċifiss sempliċi fi Triq Durumblat Nru. 3.*



*Ritratt fuq il-lemin ippublikat mal-artiklu 'The Church of Saint Paul the Hermit' li deher fir-rivista Heritage f'paġni 141-145 sussegwentement maħruġa f'forma ta' ktieb fl-1979 fejn kienu għadhom jidhru l-istatwi oriġinali ta' San Ġwann il-Battista u Sant'Anton Abbati li kien hemm fiz-zuntier tal-kappella ta' San Pawl Eremita, b'dik ta' San Pawl Eremita fin-nofs kienet laħqet tkissret. Fuq ix-xellug ir-riljievi li nsibu llum minflok.*




*Żewġ tipi ta' niċeċ li nsibu fil-portiku: tnejn ta' għamla rettangolari fosthom dik murija ta' San Ġuda Taddew u tmienja f'forma ta' apside fosthom dik murija ta' San Ġwann l-Evangelista. Fuq il-lemin jidher il-Qalb ta' Ġesù li hemm fuq il-frontispizju tal-Oratorju.*

Ġakbu u San Tumas, iż-żewġ statwi li nsibu fuq pedistall fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Pietru u San Pawl – kollha xogħol l-iskultur Qormi Marco Montebello, u ż-żewġ statwi l-oħra ta' fuq iz-zuntier, tal-Assunta u ta' San Ġużepp, li oriġinarjament kien ħadimhom Ċensu Apap lejn l-1931 u saru mill-ġdid tal-bronż fl-2010.

Insibu wkoll l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fuq il-frontispizju tal-Oratorju li jġib l-istess isem, xogħol tal-1936 tal-iskultur Giovanni Spiteri Sacco, u l-istatwi ftit iżgħar ta' Santa Marija Goretti u San Tarċisju li nsibu f'niċeċ fil-faċċata tal-istess Oratorju. Ta' dan it-tip ukoll u li qegħdin fuq pedistall insibu l-istatwi ta' Sant'Anton Abbati fit-triq li ġġib ismu, San Tumas f'kantuniera fi Triq Tumas Chetcuti, tal-Assunta ta' Triq it-Torri u l-oħra ta' Pjazza Brittanja, ta' San Ġużepp ta' Triq il-Kbira, li jingħad li hi xogħol l-iskultur Mosti Salvatore Dimech, ta' San Ġużepp fl-inħawi ta' San Ġużepp tat-Tarġa, u l-istatwi tal-Evangelisti San Ġwann u San Luqa li hemm mal-art qabel tidħol fl-għar tal-kappella tal-Isperanza, it-tnejn xogħol Sebastiano Spampinato xi żmien qabel l-1911 u li kien ħadimhom bħala abbozzi ta' dawk tal-irħam li nsibu fuq il-presbiterju tar-Rotunda u li kienu tħallsu mill-Prokuratur Dun Anġ Camilleri skont skrizzjoni li hemm fuq wara ta' dawk tal-presbiterju.

### Iż-żewġ Santa Marijiet

L-istatwa msemmija ta' Marija Assunta ta' Pjazza Brittanja, skont Dun Salv Magro aktarx kienet fuq iz-zuntier li kellha l-knisja l-qadima jew fejnha, imma fil-pittura tal-qadima ma tidher l-ebda statwa għalkemm hu jkompli jsostni li kien tkellem ma' wieħed mill-inħawi li ommu li twieldet *circa* l-1874 u li kienet tiftakarhom ipoġġuha fil-post u tismagħhom jgħidu dan.[4] Bħal seħbitha, ta' Triq it-Torri, l-Assunta tidher tiela' s-sema bir-riħ qisu qed jonfħilha l-mant 'il fuq, imma dik ta' Pjazza Brittanja apparti li għandha aktar anġli fil-parti ta' taħt, għandha wkoll anġlu ieħor sħiħ minn rasu sa saqajh fil-ġenb tagħha. Ukoll din ta' Pjazza Brittanja, bħal San Ġużepp ta' Triq il-Kbira, huma l-uniċi tnejn fil-Mosta li huma mdawwrin b'rixtellu tal-ħadid ferro battuto b'disinn li hu differenti minn ta' xulxin u fiż-żewġ każi mar-rixtellu hemm bħal kaxxa żgħira tal-ħadid għall-offerti tan-nies biex min kien jieħu ħsieb l-istatwa kien ikollu biex ifendi l-ispejjeż tal-manutenzjoni u biex jixgħel lill-istatwa xi tazza biż-żejt. L-Assunta ta' Triq it-Torri wkoll għandha bħal



*Tliet statwi kbar tal-Assunta nsibuhom fi Pjazza Britannja, fi Triq it-Torri u fuq iz-zuntier tal-Bażilika.*

speci ta' rixtellu żgħir imma dan mhux għoli u naħseb mhux antik forsi sar riċentement mill-Kunsill meta ssebbħu l-inħawi fl-1997. Dawramejt ma' dawn iż-żewġ rixtelli hemm dawk il-ġebel weqfin, jgħidulhom għazziet (singular għazza), li kont issib ma' xi faċċati ta' djar antiki biex min ikun għaddej bil-karrettun ma jolqotx il-faċċata, jew f'dan il-każ ir-rixtellu (b'żiemel m'għandekx kontroll bħal stering ta' karozza, xorta sa ċertu punt fejn irid hu jieħdok). L-Assunta ta' Triq it-Torri wkoll għandha kaxxa tal-ħadid għal dawn l-imsemmija offerti tan-nies imma hi inkorporata fil-pedistall.

**Iż-żewġ San Ġużeppijiet**

L-istatwi ta' San Ġużepp fl-inħawi ta' San Ġużepp tat-Tarġa u ta' Triq il-Kbira ma jidhirx li huma xogħol l-istess id għax hemm ħafna differenzi bejniethom għalkemm aktarx saru bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien.



*Tliet statwi kbar ta' San Ġużepp, insibuhom fi Triq il-Kbira, f'San Ġużepp tat-Tarġa u fuq iz-zuntier tal-Bażilika.*

Hekk li l-lapidi tal-indulġenzi tal-ewwel waħda hi datata 'Awissu 1873' u ta' Triq il-Kbira datata 10 ta' Settembru, 1889 (Salvatore Dimech miet fl-1886). L-istatwa ta' San Ġużepp tat-Tarġa għandha l-għola pedistall fil-Mosta waqt li l-oħra ta' Triq il-Kbira hu l-aktar pedistall li fih lavur fil-ġebla fejn saħansitra fih bħal brazzi tal-ġebel f'kull kantuniera. Flimkien mal-Assunta ta' Pjazza Brittanja huma l-uniċi tnejn li għandhom il-pedistall miksi bil-mużajk, b'kulur fl-abjad bil-frak iswed fl-ewwel waħda u fl-oħra b'kuluri aħmar u isfar, filwaqt li l-Assunta ta' Triq it-Torri għandha l-pedistall bl-akbar bażi fil-wisa' tiegħu.

**Bl-annimali**

L-imsemmija statwa ta' Sant'Anton Abbati, xogħol l-iskultur Tarcisio Montebello (bin l-iskultur Marco



*Fuq ix-xellug Sant'Anton Abbati fit-triq li ġġib ismu, xogħol Tarcisio Montebello fuq pedistall, xogħol Sergio Muscat. Tan-nofs hu San Tumas mal-kantuniera ta' Villa Gollcher fejn mal-ġenb tal-istatwa jidher tiela' l-imsemmi pilastru bil-kapitell tiegħu jiġi filata ibaxx mill-gwarniċun propja li jdawwar il-villa, forsi frott ta' żball ta' min ippjanta. L-ieħor hu San Pietru ta' fuq iz-zuntier, xogħol Marco Montebello.*

Montebello) fl-1997, li jidher bil-ħanżira ħdejh, flimkien ma' San Ġwann l-Evanġelista tal-Portiku, tal-għar tal-Isperanza, ta' Triq San Ġwann u l-ieħor ta' Triq Durumblat (li l-erba' li huma għandhom l-ajkla), u San Luqa fl-għar tal-Isperanza (li għandu wkoll għoġol), huma l-uniċi sitta fil-Mosta li fihom jidher annimal. Iżda ma nsibux statwi ta' San Mark u San Franġisk li s-soltu jirraffigurawhom bl-iljun u b'xi għasfur rispettivament. Ta' min jirrimarka li fiċ-ċimiterju tal-Mosta hemm statwa kbira daqs ta' bniedem ta' San Franġisk, imma statwi bħal dawn mal-oqbra ma kkunsidrajthomx. Iż-żewġ riljievi li fihom jidher San Ġwann il-Battista ma nsibulhomx il-ħaruf li normalment jassoċjawh miegħu, u Sant'Anton Abbati ieħor f'forma ta' riljiev fiz-zuntier tal-kappella ta' San Pawl l-Eremita ma nsibulux il-ħanżira. Il-pedistalli ta' dan Sant'Anton Abbati (ta' Triq Sant'Anton), ta' San Ġużepp tat-Tarġa u San Tumas ta' Triq Tumas Chetcuti nsibuhom b'pedistall xi ftit sempliċi bi ftit lavur fil-parti ta' fuq tiegħu.

Min-naħa l-oħra San Pietru u San Pawl ta' fuq iz-zuntier għandhom pedistall b'disinn li jikkumplimenta dak li nsibu taħt in-niċeċ tal-portiku, b'dawn l-istatwi jidher li huma l-uniċi tnejn iffirmati mill-iskultur Marco Montebello fil-Mosta w anki niżżel l-annu 1972 meta ħadimhom, li jaħbat sentejn qabel tħallsu minn benefattur Mosti, b'San Pawl sfortunatament għandu parti sostanzjali mix-xabla nieqsa.

**San Tumas u t-tabib Tumas Chetcuti**

L-istatwa ta' San Tumas fi Triq Tumas Chetcuti kienet inħadmet mill-ġdid fis-sena 2000 mill-iskultur mill-Qrendi, Angelo Agius, flok oħra li tmermret biż-żmien li kienet tmur lura għal żmien tal-bini tal-knisja

u li hawn min jgħid li kienet xogħol l-iskultur Mosti Salvatore Dimech, li propju fit-triq kantuniera mal-istess statwa jingħad li kellu r-remissa fejn fiha ħadem l-istatwa oriġinali li kellna ta' Santa Marija fl-1868 *circa* fl-istess żmien. It-tabib Mosti Tumas Chetcuti, imwieled il-Mosta fil-15 ta' Ġunju, 1797, kien mar joqgħod il-Belt minħabba xogħlu iżda f'raħal twelidu kien bena dik id-dar, illum Villa Gollcher, bħala d-dar tal-villeġġjatura tiegħu. Huwa kien waqqaf fil-kantuniera tagħha din l-istatwa ta' San Tumas, il-qaddis li jġib ismu. It-tabib Chetcuti miet fis-17 ta' Marzu, 1863, skont il-lapida tiegħu li hemm fil-kuritur bejn iż-żewġ sagristijiet. Dan ifisser li din id-dar u l-istatwa oriġinali ta' San Tumas kienu jmorru lura għaż-żmien qabel dan l-annu.



*Giovanni Battista Salvi da Sassoferrato (25/08/1609 - 08/08/1685)*

L-istatwa l-qadima ta' San Tumas, li llum tiġi li għandha 'l fuq minn 150 sena oriġinarjament kellha l-ħsieb li titpoġġa fil-bitħa tal-Kunsill (quddiem il-lift) iżda minflok illum insibuha fil-boardroom fejn jiltaqa' l-Kunsill Lokali. Fatt kurjuż ta' min wieħed jinnota fuq dan San Tumas hu speċi ta' pilastru tiela' fuq ix-xellug tiegħu mal-faċċata li taf jindika li oriġinarjament kien intenzjonat li jagħmlu l-istatwa ma' dan il-pilastru flok eżatt fil-kantuniera. Izda l-istess pilastru jidher jispiċċa b'kapitell li jiġi filata taħt il-gwarniċun propja li jdawwar il-ħajt tal-villa u jagħti dehra kerha ta' inkonsistenza u żball fl-arkitetttura, fejn donnu indunaw wara li minħabba l-gallarija ma setgħux jagħmlu l-kapitell tiegħu f'livell mal-gwarniċun propja tal-villa u sporġut il-barra f'dik il-parti biex jikkorrispondi mal-kontur tal-pilastru.

Għalkemm ma nsibu xejn miktub, wisq nemmen li din Villa Gollcher bil-ġnien kif inhu mqassam u mżejjen mhu xogħol ħadd ħlief tal-arkitett Grognet de Vassè, aktar u aktar meta jissemma li l-poeta, skular u rappreżentant tal-Gvern Ingliz John Hookham Frere, li kien ġie Malta fl-1821 u spiċċa rtira hawnhekk sa ma



*Ritratt tal-Mosta ta' qabel l-1928 biz-zuntier għadu fil-verżjoni l-antika u fuq ix-xellug jidher parti mill-ġnien kbir ta' Villa Gollcher qabel għaddew Triq il-Kostituzzjoni minn ġo fih, bl-istess villa fil-kantuniera ma tidhirx għax tiġi aktar fuq ix-xellug.*

miet fl-1846, għall-villa li kien bena fix-xatt tal-Pietà jingħad li seta' involva lil Grognet, li kien wieħed mill-ħafna ħbieb illustri tiegħu, biex jiddisinjalu l-ġnien mifrux fuq 12-il tomna li kellu fuq wara tal-villa u li kien jibqa' tiela' sal-quċċata tal-għolja ta' Gwardamangia.

It-tabib Tumas Chetcuti, li kien jinżel il-Mosta għall-mistrieħ u żgur kien jinteressa ruħu fuq l-andament tal-knisja hekk kolossali w unika fix-xorta tagħha li kienet qed tinbena f'raħal twelidu, żgur ukoll li kien midħla ta' Grognet u jaf sew x'kien isarraf. Għalhekk b'min ridtu jintriga għall-villa tiegħu fil-Mosta jekk mhux b'wieħed li ħtieġlu jkun sikwit il-Mosta fuq lant tax-xogħol ftit passi 'l bogħod! Dr Chetcuti, li kien impjegat tabib mal-Gvern u f'diversi pożizzjonijiet għolja żgur li kien imħallas tajjeb, b'kuntrast ma' Grognet li għax-xogħol kbir u ta' responsabbiltà li kellu kien imħallas biċ-ċiċri. U ma naħsibx li quddiem din ix-xorti u sfortuna tad-destini rispettivi tagħhom ma niggżitux il-kuxjenza għal wieħed li kien qed jagħmel unur lil raħal twelidu, u bħalma hu kellu l-bżar xi jroxx biex jagħmel il-kapriċċi, jixtri l-art u jibni villa u ġnien kbir magħha (li kien ikompli għan-naħa l-oħra ta' dik li llum hi Triq il-Kostituzzjoni), ma naħsibx li kien se joqgħod jixxaħħaħ ma' Grognet biex jerfgħu ftit mill-miżerja li kien jinsab fiha u jtih sors alternattiv ta' għajxien flok iħallih dipendenti għal kollox mill-ftit flus li kienu jtuh id-deputati tal-knisja li l-akbar uġiegħ ta' ras għalihom kien dejjem minn fejn se jġibu l-flus. Ukoll dan Chetcuti kellu l-bżar xi jroxx lill-knisja għax kieku mhux għax għen fil-bini tagħha b'għotjiet ta' flus ma naħsibx li kienu se jiddedikawlu qabar għalih bejn is-sagristijiet.

### Statwi oħra fuq pedistall

Biex inkomplu mas-suġġett, mill-10 statwi li nsibu fuq pedistall fil-Mosta, fosthom it-8 li diġà semmejna, ta' San Pietru, San Pawl, tnejn tal-Assunta, tnejn ta' San Ġużepp, ta' Sant'Anton Abbati u ta' San Tumas, insibu tnejn oħra ta' proporzjon iżgħar li huma ta' San Ġużepp li hemm fuq wara tal-kappella taċ-ċimiterju u 'r-Ruħ' li hemm fi Triq il-Mitħna l-Qadima (kważi kantuniera ma' Triq Durumblat ftit bogħod mill-istess ċimiterju), it-tnejn b'pedistall sempliċi tal-istess għamla, jibda wiesa' u dejjem jidjieq aktar ma jitla' 'l fuq.

Din 'ir-ruħ' kienet xogħol Fabrizio Bartolo għax dik li kien hemm qabel jingħad li kienet tkissret minn suldat tal-Air Force stazzjonat f'Ta' Qali fi żmien l-aħħar gwerra. Mhux biss, kienet qalgħet xi tir ta' senter, insterqet u reġgħet instabet, u reġgħet insterqet u ma nstabitx, u spiċċaw kellhom jagħmlu oħra ġdida lejn l-1991, xogħol l-iskultur Mosti Savio Deguara. 'Ir-Ruħ' tikkonsisti fi statwa ta' mara b'idejha marbutin



*Iż-żewġ erwieħ li nsibu fil-Mosta, dik ta' fejn iċ-ċimiterju tal-lum u l-oħra ta' maċ-ċimiterju li kien hemm mal-kappella ta' Santa Margerita. L-aħħar waħda kienet miksija kważi kompletament b'xitla minn dawk li tixxeblek u tinkolla ruħha u tagħmel ħsara lill-ġebla, u kelli mmur b'sellum biex inqaċċat partijiet minnha safejn ilħaqt u stajt nieħu ritratt naqra diċenti tar-Ruħ.*

qed titlob u minn nofsha 'l isfel fin-nar, li minn kif nifhimha naħseb li s-sinifikat warajha hu li r-ruħ għadha mdendla fil-Purgatorju u jeħtieġilha t-talb biex xi darba tasal il-Ġenna, bin-nar miżbugħ f'lewn aħmar u taħtu fil-fatt hemm lapida bil-kliem *Auxilium Peto* (infittex/ nitlob l-għajnuna).

L-unika statwa ta' Ruħ oħra li nsibu fil-Mosta qegħda fuq il-grada tal-bieb tal-ġnien li hemm idawwar il-kappella ta' Santa Margerita, tifkira taċ-ċimiterju li kien hemm madwarha li fih kienu ndifnu nies mill-Mosta, in-Naxxar u Ħal Għargħur li kienu mietu bil-pesta tal-1592. Niftakru li f'dawk is-snin il-Mostin u l-Għargħurin kienu għadhom uffiċjalment Naxxarin



*Is-salib li kien hemm fuq speċi ta' pedistall għoli madwar 4 filati u nofs fil-faċċata taċ-ċimiterju l-antik. Dan ir-ritratt ta' Victor B. Caruana hu meħud mill-gazzetta 'Il-Mosta: Frar-Marzu 1977' u juri li kien għadu jeżisti sa dak iż-żmien, kif anki jindika tower crane u bini fuq wara li tela' f'dawk iż-żminijiet. Kieku llum għandu 'l fuq minn 300 sena sew. Dan iċ-ċimiterju l-ewwel li ntuża kien fil-pesta tal-1676 meta kienu ndifnu 27 ruħ fosthom qassis żagħżugħ ta' 34 sena, ċertu Dun Andreas Busuttil, li miet flimkien m'ommu Speranza, u ndifen fl-10 (jew fl-20?) ta' Ġunju, 1676, fl-istess ġurnata li miet. (Sors: l-imsemmija gazzetta tal-1977 u gazzetta oħra 'Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2001', p. 22, ma jaqblux fid-data tal-10 jew 20 ta' Ġunju, 1676).*

u ndifnu f'post imwarrab mill-abitat flimkien man-Naxxarin f'territorju Naxxari sa dak iż-żmien.

Fiċ-ċimiterju l-antik tal-Mosta, li kien hemm fi Triq Durumblat ftit metri 'l bogħod miċ-ċimiterju tal-lum, fih kienu jindifnu dawk li jmutu b'mard infettiv sa ma nfetaħ iċ-ċimiterju tal-lum fil-5 t'Awwissu, 1837. Minn ritratt antik, ma jidhirx li kellu xi ruħ imma kien immarkat b'salib, li tlifnih meta twessgħet it-triq li ħadet parti mill-biċċa ta' quddiem tiegħu li kienet tmiss mat-triq. Il-kumplament ġie mibdul f'għalqa, għalkemm il-ħajt oriġinali fuq wara m'għola disa' filati mil-livell tal-art, għadu jeżisti t-tul kollu b'xi partijiet mikula sew biż-żmien. Forsi ta' min li jinħadem xi salib ieħor kopja bil-pedistall b'kollox li kien hemm u jitpoġġa fil-post, tifkira ta' dawk il-Mostin li ndifnu fih.

Għalkemm mhux propja fuq pedistall, fuq l-irdum ta' Wied il-Għasel fejn jaħżnu l-bombi ftit bogħod mill-għar tal-kappella ta' San Pawl Eremita, hemm merfugħa fuq ġebla, statwa miżbugħa tal-Immakulata Kunċizzjoni, bħal qed tħares lejn min ikun għaddej minn qiegħ il-wied u forsi kieku saret xi ftit akbar kienet tkun anki tidher mit-triq fuq in-naħa l-oħra tal-wied. Din flok qegħda fil-verżjoni bin-nofs qamar ma' xiex normalment nassoċjaw il-Kunċizzjoni, qegħda f'varjazzjoni oħra minn dawk li bħalha nsibu diversi kopji, b'idejha miftuħin u bil-mantell miżbugħ blu fuq il-libsa bajda.

### Statwi fuq ċinta ta' bejt

L-uniċi żewġ statwi li nsibu fuq l-opramorta ta' bejt fil-Mosta u li t-tnejn inzertaw f'kantuniera, huma ta' San Nikola fi Triq Grognet, kantuniera ma' Triq San Ġwann, u ta' San Tumas fi Triq il-Pont, Nru. 62, fil-liwja meta t-triq tibda ġejja għat-telgħa. Din l-istatwa ta' San Nikola hi l-unika waħda ta' dan il-qaddis fil-Mosta u qegħda



*Tliet statwi oħra: ta' San Ġużepp, li nsibu fuq wara tal-kappella taċ-ċimiterju, ta' San Nikola f'kantuniera fi Triq Grognet, u ta' San Tumas fi Triq il-Pont.*

merfugħa fuq speċi ta' pjattaforma żgħira flok qegħda dirett fuq l-opramorta, bħal fil-każ ta' San Tumas.

San Nikola jidher fil-verżjoni bil-mitra f'rasu, liebes il-pjaneta (bħal mantell li jilbsu l-qassisin waqt il-quddiesa fuq kollox), bil-pallium (bħal ingravata li jkollu m'għonqu l-isqof), u f'idejh ix-xellugija qed iżomm dik li hi sinonima ma' dan il-qaddis, jiġifieri l-ktieb tal-Evangelju bi tliet blalen fuqu. Dawn oriġinaw minn leġġenda li tgħid li wieħed li kien tilef ġidu kollu u kien qed jibża' li jkollu jipprostitwixxi lit-tlett itfal bniet li kellu. Imma dlonk kien interċeda għalih San Nikola, li bil-moħbi fil-ħoġor tat-tieqa fi tliet iljieli wara xulxin ħallielu borza bid-deheb[5]... u min jaf, forsi sid din id-dar kien qed jittama li għad-dell ta' statwa ta' dan il-qaddis xi darba forsi jkollu xi sorpriża simili! L-opramorta li fuqha hemm dan San Nikola għandha lavur sempliċi imma li jolqot l-għajn u fih naqra tax-xogħol biex taħdmu.

Rigward l-imsemmi San Tumas ta' Triq il-Pont, wieħed mit-tlieta ta' dan il-qaddis li nsibu fil-Mosta, insibuh b'idu l-leminija mgħollija 'l fuq u bl-iskwerra f'idu x-xellugija – mhux għax fil-fatt kien bennej, imma għax bħal fil-każ ta' San Nikola – jidher li oriġinat minn leġġenda fejn wieħed re fl-Indja (fejn dan l-Appostlu kien mar biex jevanġelizza), kellu f'moħħu li jibni bħal tempju u qabel ma mar għal vjaġġ twil kien ħalla flus għal dan l-iskop ma' San Tumas, li lagħba li kien perit/bennej. Iżda dan minflok, spiċċa qassam dawk il-flus lill-foqra u għadda l-ħin jipprietka. Meta r-re rritorna lura u ma sab xejn, kien urta ruħu bil-kbir, iżda San Tumas qallu li t-tempju tiegħu kien qed minflok fis-sema, u jidher li spiċċa biex anki rnexxielu jikkonvertih. Bi skuża t'hekk San Tumas sar il-patrun tal-bennejja u forsi sid din id-dar kien xi bennej ukoll.

L-imsemmi aktar qabel San Tumas ta' Triq Tumas Chetcuti, għalkemm għandu wkoll l-iskwerra fix-xellugija, il-leminija tidher imdaħħla taħt il-ħwejjeġ, waqt li San Tumas tal-portiku tar-Rotunda għandu xeħta oħra bl-iskwerra f'idu l-leminija li biha qed ukoll iżomm lanza li inċidentalment oriġinat minn leġġenda oħra assoċjata ma' dan il-qaddis... fejn xi re ieħor li ma tantx kien ra b'għajn tajba lil dan San Tumas, jingħad li kien spiċċa biex tah il-martirju billi jqattgħuh propju bil-lanez.[6]

### Statwi fuq mensola

Fost l-istatwi li nsibu fil-Mosta, insibu ħdax li qegħdin fuq mensola, speċi ta' ġebla sporġuta 'l barra mill-faċċata ta' dar qisha saljatura ta' gallarija imma ta' tul anqas, li f'xi każi tkun skolpita u bil-lavur. Min ma riedx jonfoq ħafna jew forsi l-faċċata minħabba l-ispazju ma tippermettilux li tiġi inkorporata niċċa, kellu l-għażla li jagħmel użu minn mensola, li turi wkoll kif il-bniedem idur minn hawn jew minn hemm fl-aħħar isib tarf ta' kollox. Ukoll jekk meta nbniet id-dar, il-faċċata ma kinitx maħsuba għal xi niċċa, jekk għodwa waħda sid id-dar jiġih il-ħsieb li jrid jagħmel statwa mal-faċċata, din li jagħmel waħda fuq mensola taf kienet tkun l-unika alternattiva li jibqagħlu għax faċilment seta' jingasta waħda fil-faċċata mingħajr ma jeħtieġlu jieħu ħafna spazju.

Fi Triq it-Torri, Nru. 30, ma' kappella privata, fuq kull naħa tal-faċċata nsibu lill-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp fuq mensoli b'disinn mill-ifjen. U jikkumplimenthom fuq l-istatwi hemm bħal sezzjoni tal-parti ta' fuq ta' saqaf ta' niċċa arzellata, fuqha fiż-żewġ trufijiet hemm żewġ antifissi bħal tar-Rotunda, u fin-nofs hemm lavur sabiħ li jwassal għal salib li hemm fil-quċċata.

Kemm il-Madonna, kif ukoll il-Bambin li għandha f'idejha, qed iżommu labtu tal-metall kull wieħed. Dawn iż-żewġ statwi u l-lavur tal-mensoli u l-pendenti f'forma ta' saqaf ta' niċċa huma xogħol il-Mosti Vincenzo Agius, imlaqqam il-Bonu, li kien għamel din il-kappella privata tad-Duluri mad-dar tiegħu. Huwa xogħlu wkoll l-istatwa li waqqaf għall-qaddis li jġib ismu, San Vinċenz de Paul, li nsibu fi Triq il-Kbira, Nru. 293, fejn ta' Cauchi. Qegħda wkoll fuq mensola u l-gwarniċun tal-opramorta fil-parti fejn hemm l-istatwa, idur nofs tond madwarha. L-iskultur jidher li meta gie biex jagħmel din l-istatwa ħa ispirazzjoni minn santa li taf kienet in voga dawk iż-żminijiet fejn dan il-qaddis



*Tliet statwi, xogħol Vincenzo Agius il-Bonu: l-ewwel tnejn fi Triq it-Torri u l-oħra ta' San Vinċenz de Paul fi Triq il-Kbira, Nru. 293, fejn jidher li ħadimha minn santa ta' dan il-qaddis.*



*Erba' statwi fuq mensola: San Pawl ta' Triq it-Torri, u ta' San Pawl u San Pietru mal-faċċata tas-City, u l-Assunta mad-dar tal-familja Grech Mifsud, kollha fi Triq il-Kbira.*



*Erba' statwi oħra fuq mensola: ta' San Franġisk Saverju fi Triq il-Kbira, ta' San Ġużepp mad-dar fejn kien joqgħod Bizzju, tal-Assunta fi Triq Sant'Anna, u ta' Sant'Andrija fi Triq Dun Mikiel Xerri.*

jidher b'tifel f'idu u bħal tarbija mal-art fejn saqajh, li fl-istatwa għamilha qisha qegħda fuq il-ħaxix.

Biex inkomplu fuq Triq it-Torri, ma' dar Nru. 195, ftit qabel taqbad Vjal l-Indipendenza, insibu lil San Pawl fuq mensola magħmula minn knaten fuq żewġ filati b'ta' fuq aktar sporġuta 'l barra minn ta' taħtha, intenzjonata għal xi lapida kbira bl-iskultura li baqgħet qatt ma saret. Fi Triq il-Kbira, Nru. 154, mar-restorant is-City, fuq kull naħa tal-faċċata nsibu lil San Pietru u San Pawl fuq mensola wkoll. Il-mensola ta' San Pietru għandha skulturata l-arma tiegħu, il-mitra tal-Papa u l-imfietaħ, filwaqt li dik ta' San Pawl għandha bħal weraq b'lifgħa ħierġa minn ġon-nar u kuruna fil-parti ta' fuq li ma nafx x'tirrappreżenta.

Mill-ħames statwi ta' San Pawl li nsibu fil-Mosta, dawn ta' Triq it-Torri u Triq il-Kbira huma l-uniċi tnejn li huma maħduma fuq San Pawl tal-Belt ta' Melchiore Gafà bil-Vanġelu f'idu x-xellugija u bil-leminija mgħollija 'l fuq (fl-oħrajn San Pawl jidher bix-xabla). U dan San Pawl ta' mas-City għandu wkoll lifgħa oħra mal-istatwa fejn saqajh (apparti dik raffigurata fuq il-mensola). Fi Triq il-Kbira, Nru. 198, mad-dar tal-familja Grech Mifsud, ħdejn il-Każin Nicolò Isouard, insibu fil-għoli fuq mensola wkoll u fuq speċi ta' pedistall żgħir, statwa mill-isbaħ ta' Marija Assunta, bil-mensola fiha skulturata post għal xi lapida.

Fi Triq il-Kbira wkoll, bejn djar Nri. 68 u 70, insibu lil San Franġisk Saverju bis-salib f'idu l-leminija u fuq mensola sabiħa mibnija fuq żewġ filati. Fi Triq Sant'Anna, Nru. 15, mad-dar li diġà semmejna qabel fejn kien joqgħod Bizzju, apparti r-riljiev, fil-ġenb tal-gallarija nsibu fuq mensola skulturata u bil-lavur lil San Ġużepp, ukoll xogħol tal-istess Bizzju.

Fl-istess triq, kważi faċċata ftit aktar 'il fuq mad-dar Nru. 34, insibu xogħol riċenti ta' statwa oħra mill-isbaħ ta' Marija Assunta fuq mensola, li ma tagħmillix għajb, u b'ħafna skultura b'lapida bil-kliem *Assumpta est Maria in caelum gaudent angeli laudantes benedicunt dominum A.D. MMVIII* (Santa Marija mtellgħa s-sema tgawdi l-Anġli li b'leħen għoli jbierku lis-Sinjur, sena 2008). Din l-Assunta hi eżempju tajjeb ta' kif meta jkollok każ li tkun laħqet inbniet il-faċċata li ma kinitx maħsuba għal niċċa, tista' minflok tmur għal statwa fuq mensola li mix-xejn issebbaħlek u timlielek faċċata.

Fi Triq Dun Mikiel Xerri, kantuniera ma' Sqaq Nru. 1, insibu wkoll fuq mensola u fuq speċi ta' pedistall żgħir bil-lavur, statwa żgħira ta' Sant'Andrija bis-salib f'forma ta' X, sinonimu mal-martirju tiegħu.

### Referenzi

[1] Skont ċertu Philip Xuereb, li ħareġ ktieb fuq l-istatwi u n-niċeċ ta' Birkirkara, qalli li f'Birkirkara għandhom mal-270 statwa.
[2] Il-Mosta: Novembru-Diċembru 1987, Niċeċ u Statwi fit-Toroq tal-Mosta, żieda ta' Dun Salv Magro ma' dak li kien kiteb Tony Terribile fil-ħarġiet ta' qabel.
[3] Delitti f'Malta, Eddie Attard, p. 405.
[4] Il-Mosta: Novembru-Diċembru 1987, Niċeċ u Statwi fit-Toroq tal-Mosta, żieda ta' Dun Salv Magro ma' dak li kien kiteb Tony Terribile fil-ħarġiet ta' qabel.
[5] Saint Nicholas: The iconography, https://www.christianiconography.info/nicholas.html
[6] Saint Thomas the Apostle: The iconography, https://www.christianiconography.info/thomas.html


**Allkeys Cutting Service & Lock Repairs**



**Shoes & Bags Repairs**

**144, Vjal L-Indipendenza, Mosta**

**Mob: 99317573**